

# (1920 - 2015)
# Tislima lil Dun Ġużepp Borg S.D.B.
## L-ewwel u (sa issa), l-uniku Salesjan Bormliż

**Minn Eman Bonnici**



Il-Ħamis, 26 ta' Novembru 2015, fil-ħdax neqsin għaxra ta' filgħodu, miet fl-età venerabbli ta' 95 sena fid-Dar tal-Kleru ġewwa Fleur-de-Lys, fejn kien ilu residenti sa mill-2008, l-ixjeħ membru tal-komunità Salesjana f'Malta: Dun Ġużepp Borg. Imwieled Bormla fil-21 ta' April 1920, iben John Borg u martu Mary xebba Degiorgio, tgħammed fil-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-istess belt erbat ijiem wara. Wieħed miz-zijiet tiegħu - ħu ommu - kien Dun John Degiorgio SDB., mill-Belt, imsieħeb ukoll fi ħdan is-Salesjani ta' Dun Bosco, li miet ta' 79 sena fil-11 ta' Mejju 1987.

Ġużeppi rċieva l-ewwel tqarbina fis-*St. Joseph High School* nhar is-27 ta' Mejju 1927 u rċieva s-sagrament tal-griżma tal-isqof fit-12 ta' Diċembru tal-istess sena fil-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta. Fl-1933 beda jattendi l-Oratorju Salesjan u l-iskola ta' Sant'Alfonsu f'Tas-Sliema u kien matul dan il-perjodu li ħassu attirat lejn l-istil ta' ħajja Salesjana fl-ispirtu ta' Dun Ġwann Bosco. Imsieħeb fis-Soċjetà ta' San Franġisk de Sales bħala aspirant, fl-1938 kien mibgħut fid-dar Salesjana ta' San Giuseppe f'Pedara, seba' mili fin-Nofsinhar ta' Catania, fi Sqallija, u minn hemm għad-dar San Gregorio f'Catania, fejn temm l-ewwel formazzjoni. Ammess fin-novizzjat nhar il-15 ta' Awwissu 1939, it-Tieni Gwerra Dinjija ħasdet fit-13 ta' April 1942, il-ħajjiet ta' ommu Mary ta' sitta u erbgħin sena u oħtu Marion ta' erbatax-il sena waqt li kienu refuġjati Birkirkara. Missieru miet fl-1951, waqt li ħuh Claude seħħlu huwa wkoll jordna saċerdot fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ta' Mons. Giuseppe De Piro u llum jinsab l-Awstralja.

Peress li l-istess perjodu belliku spiċċa biex eventwalment ħarbat is-sistema tal-istudji li dik il-ħabta kien qiegħed isegwi flimkien ma' oħrajn, konsegwenza t'hekk niżel lura Malta, fejn kien assenjat jgħallem il-lingwa Ingliża fl-iskola ta' Sant'Alfonsu f'Tas-Sliema. Lil hin mill-ħin tat-tagħlim kien imbagħad jorganizza ħarġiet diversi, fosthom għadd ta' mixjiet fil-kampanja, lill-istudenti u fost dawn kien hemm ċertu Joe Pulis, li 'l quddiem huwa wkoll seħħlu jissieħeb mas-Salesjani u llum jinsab preżenti fl-Awstralja.

Ordnat saċerdot fil-belt ta' Turin fl-Italja mill-Kardinal Maurilio Fossati O.Ss.G.C.,

Arċisqof tal-istess belt, nhar it-3 ta' Lulju 1949 fil-Bażilika ta' Sidtna Marija Għajnuna tal-Insara, huwa ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu l-għada fuq l-artal ta' Dun Bosco fl-istess bażilika. Dun Ġużepp temm l-istudji tiegħu ġewwa Blaisdon, Gloucestershire, fl-Ingilterra u wara f'Bollengo, Turin. Lura Malta, kien assenjat fl-Oratorju t'Għawdex, li sa dak il-ħabta kien għadu mmexxi mis-Salesjani, fejn ħadem flimkien mas-Salesjani sħabu Dun Alwiġ Mizzi u Dun Ġużepp Mangion. Magħruf għall-entużjażmu li bih kien itella' permezz tal-istudenti reċti diversi, kif ukoll għat-tħejjijiet tal-kant fil-ġranet tal-festi, l-imħabba għall-mixi fil-kampanja ġegħlitu jorganizza minn żmien għal żmien għadd ta' ħarġiet edukattivi għat-tfal u ż-żgħażagħ li kienu jiffrekwentaw l-Oratorju, waqt li kien ukoll responsabbli mis-*Salesian Scouts Group*, sa dik il-ħabta, il-forma waħdana ta' scouts fil-gżira Għawdxija.

Fl-1954, id-Delegat Provinċjali Dun Thomas Hall, talbu jmur l-Awstralja biex jgħin fil-ħidmiet Salesjani tal-post. Huwa salpa abbord l-*Aurelia* fis-16 ta' Mejju 1955 u mal-wasla tiegħu kien appuntat prefett tal-istudji fi Brookyln Park. L-imħabba tiegħu għall-kampanja wasslitu biex ukoll hawnhekk jorganizza kampijiet estivi fil-ġranet tal-vaganzi għall-istudenti ta' Second Valley f'Adelaide Hills. Maħtur surmast tas-*Salesian College* ta' Port Pirie fl-1959, li dik il-ħabta kienu għadu kemm jiftaħ, mhux biss affaċċja l-isfidi akkademiċi, imma wkoll introduċa l-i*Scout Troupe*.

Lura Malta fl-1966, kien assenjat mal-komunità ta' Sant'Alfonsu f'Tas-Sliema. Sentejn wara silet l-idea li jibdew jiġu organizzati *summer camps* miftuħin għat-tfal minn madwar il-gżira kollha u dan kien il-bidu ta' attività li għadha għaddejja sal-lum u li minnha nibtu wkoll għadd ta' vokazzjonijiet. Assenjat bit-tmexxija tas-*Salesian Brigade*, Dun Ġużepp kien magħruf fost iż-żgħażagħ għall-indafa u l-pulitezza li biha kien iżomm ruħu, ukoll waqt il-ġranet tal-kampijiet, bi ħwejġu u l-mejda li fuqa kien jiċċelebra l-quddiesa miżmumin pupilla. Ħafna minnhom baqgħu jiftakru mbagħad l-għaxijiet mimlija atmosfera min-naħa tiegħu, liebes il-*poncho* u jmexxi l-kant. Kariżma Salesjana awtentika li żamm sal-aħħar bħala iben dehen ta' San Ġwann Bosco permezz tat-tagħlim, l-imħabba, il-ferħ, l-ottimiżmu, il-kreattività, il-flessibbiltà u l-fidi.

Il-figura ta' Dun Ġużepp Borg fil-ħidmiet Salesjani lokali kienet tinkludi mbagħad diversi rwoli oħra li jvarjaw minn surmast għal rettur, minn katekist għal konfessur u minn direttur għal delegat provinċjali. Kien hu nfatti l-ewwel Malti li seħħlu jkun appuntat bħala Delegat Provinċjali fl-1974. Żvilupp importanti li seħħ taħtu kien dak li fl-1970, l-Oratorju ta' Tas-Sliema minn *Boys Club* infetaħ għal *Mixed Youth Centre*, pass innovattiv ferm fil-perjodu li fih tali deċiżjoni ttieħdet u li baqgħet suġġett ta' dibattitu għal żmien twil, sakemm kienet finalment aċċettata tant li fl-1989, is-*Salesian Boys' Brigade* saret is-*Salesian Boys' and Girls' Brigade*.

Milqut minn puplesija fit-18 ta' Diċembru 1994, Dun Ġużepp ma qata' qalbu qatt u mhux biss żamm ruħu attiv fis-*Salesian Brigade*, imma saħansitra xorta waħda ssokta jieħu sehem fis-*summer camps*. Fis-sena 2008, minħabba l-età avvanzata tiegħu, kien rikoverat għal perjodu qasir fl-Isptar Santa Katarina ġewwa Ħ'Attard u minn hemm fid-Dar tal-Kleru, fejn għaddha l-aħħar snin tiegħu u fejn ħa l-aħħar nifs. Il-funeral tiegħu sar fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor f'Tas-Sliema, is-Sibt, 28 ta' Novembru 2015 u t-tebut tiegħu inġarr minn membri tal-Brigata Salesjana. L-omelija saret minn Dun Michael Casey SDB., Provinċjal tal-Provinċja Salesjana Irlandiża li minnha d-delegazzjoni Maltija tifforma parti. Id-difna saret f'wieħed mit-tliet oqbra li s-Salesjani għandhom

fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid fid-Diviżjoni Lvant, Sezzjoni KA, Kompartiment G, qabar numru 28, li fih indifen ukoll ħames xhur qablu, Dun Frank Clifton SDB., Ingliż, fundatur tas-*Savio Athletic Club* ta' Ħad-Dingli, li miet l-Isptar Mater Dei ta' 79 sena fl-10 ta' Ġunju.

"Jekk San Franġisk qaddes is-natura u l-faqar, San Ġwann Bosco qaddes ix-xogħol u l-ferħ". Francesco Orestano (1873 - 1945), filosofu.

**Sorsi:**

Salesians of Don Bosco: Irish Province of the Salesians of Don Bosco (Maltese Delegation): Fr Joseph Borg SDB (1920 - 2015) - Ħajr lil Dun Eric Cachia SDB.

**Joseph Sammut**
**Household Distributors**
71, Triq Buqexrem, Fgura FGR 2154
Tel: 2169 1334, 2769 1334 • Fax: 2166 4949 • Mob: 9947 6492
E-mail: jshousehold@gmail.com • website: www.jshousehold.com

KENWOOD PHILIPS Vestfrost Whirlpool Foster Grundig Blomberg Bauknecht GROHE FAGOR LA GERMANIA Roadstar BOSCH SHARP LIEBHERR smeg Philishave DeLonghi Candy FABER indesit



**EGO**
**Stationery & Gifts**
*Now open ... where you can buy your Christmas presents for your loved ones and also a large selection of toys and gifts. So visit your 1 stop Shop in Fgura*
*www.egostationery.com*